# Is-Siwi Uniku tal-Kolleġġjata Elenjana

**Riflessjonijiet ta' Philip Borg**

**Kuntest Storiku-Soċjali**

Malta ta' l-1630 kienet magħmula minn poplu ġwejjed u twajjeb, marbut u mkennen mat-twemmin Kattoliku tista' tgħid f'kull xeħta tal-ħajja. Kien poplu mdorri jgħix maħkum, donnu rassenjat li, minħabba tradizzjoni storika u mentalità ta' nuqqas ta' stima lejh innifsu, jaċċetta *volens nolens*, irid jew ma jridx, lil kull potenza barranija li tiġi tiggvernah. Din kienet ir-realtà kemm fil-qasam ċivili kif ukoll f dak ekkleżjastiku.



Malta ta' l-1630 kellha lill-Ordni Ġerosolmitan jiggvernaha u lill-Kurja ta' Palermo tordna xi jsir jew ma jsirx fid-Djoċesi Maltija. Dawk il-ftit Maltin li kienu għonja jew nobbli, u għalhekk qrib il-poter, kien aktar moħħhom kif se jimmansaw lill-poplu u jżommuh ġwejjed, jilqa' u jobdi kulma kien jiġi mingħand is-setgħana barranin li kienu jaħkmu 'l pajjiżna. Biex jgħaqqdu aktar din il-konvinzjoni ta' inferjorità, kien hemm il-faqar kroniku kkawżat minn gżejjer bla riżorsi naturali u l-injuranza kkawżata minn ħakkiema li hekk kien jaqblilhom biex jibqgħu trankwilli jiggvernaw kif iridu. U l-poplu ma jifhem qatt xi tkun ġustizzja soċjali jew distribuzzjoni ġusta tal-ġid komuni!

F dax-xenarju kien hemm il-kleru u l-intervent kontinwu tiegħu biex jippriedka l-Kelma t'Alla,

jgħallem id-duttrina u jaqdi l-bżonnijiet spiritwali tal-poplu. Bħal f'kull nazzjon ieħor fid-dinja, fost il-kleru lokali wkoll kien hemm min jiddistingwi ruħu f għajnejn il-komunità - jew għall-għerf, jew għaz-zelu u dedikazzjoni, jew għat-targa jew tnejn li kiseb fl-iskala tal-ġerarkija, u allura, ta' l-awtorità. Maltin bħal dawn ma tantx kienu jidhru sbieħ f għajnejn il-ħakkiem barrani, għax setgħu kienu jfissru theddida jekk jiftħu għajnejn il-poplu!

## Il-Prominenza ta' Dun Filippu

Fost dawk li ddistingwew ruħhom bil-kbir kien hemm il-kappillan ta' Birkirkara, Dun Filippu Borg. Mimli bil-għerf, ta' fibra soda u personalità qawwija, ġej minn familja tat-tajjeb, qalb waħda mal-poplu li kien ingħażel biex jaqdi u jmexxi. Miżjud ma' dawn, kellu kwalifiki li ftit oħrajn setgħu jiftaħru bihom dak iż-żmien. Kien tassew mexxej maħbub mill-poplu, kif ukoll imfittex u mismugħ għall-pariri mill-awtoritajiet tal-pajjiż, fosthom l-istess Grammastri ta' l-Ordni. Għall-għarfien li kellu tal-qagħda, mhux biss spiritwali, imma wkoll soċjali tal-familji Maltin, għal aktar minn darba kien jissejjaħ mill-Grammastru kif jinħatar, biex Filippu jgħaddilu t-tagħrif meħtieġ qabel jibda l-ħidma tiegħu fit-tmexxija tal-pajjiż.

Aktar minn hekk, bħala saċerdot mogħni bil-għerf fit-Teoloġija u fil-Liġi Ċivili u Ekkleżjastika, kien eżaminatur tal-kleru għal medda twila ta' żmien u, saħansitra, Vigarju Ġenerali ta' mill-anqas żewġ Isqfijiet djoċesani, Gargallo u Cagliares. L-istess Sede Apostolika minn Ruma kienet għarfet il-ħila ta' dan il-Karkariż eminenti, u ħatritu bħala Protonotarju Apostoliku, appari li mexxa t-Tribunali tas-Sant' Uffizzju f'Malta bħala Pro-Inkwiżitur jew saħansitra bħala Delegat Apostoliku.

Minkejja dawn il-ħatriet u responsabbiltajiet kollha, dan il-benefattur kbir tal-Karkariżi baqa' jaqdi dmiru b zelu kbir bħala kappillan ta' parroċċa li dik il-ħabta kellha territorju li jinfirex ġmielu. Tant kellu qalbu marbuta ma' Birkirkara, li wasal biex, fuq insistenza ta' l-istess Karkariżi ħutu, iċċaħħad mill-ħatra ta' Dekan tal-Katidral, li kien ried jagħtih il-Grammastru nnifsu.

Ried jibqa' magħhom u qribhom. Kien diġà beda jibnilhom dik il-gawhra ta' knisja fuq ix-xaqliba l-oħra tal-wied, magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima, u llum maqtugħa bħala parroċċa awtonoma wara li kienet restawratra mill-istess

Kapitlu tagħna. Jiġri x'jiġri u jingħad x'jingħad dwar dil-knisja, tibqa' l-post imqaddes u għażiż għal kull min hu grat lejn l-antenati tiegħu, fejn twieldet l-ikbar opra tiegħu, il-Proto-Kolleġġjata Karkariża.

Ma kintix biss opra unika għal Birkirkara. Kienet pass sinjifikanti fl-iżvilupp ta' l-istorja tal-Knisja f'pajjiżna. Jekk xejn, b'konferma ta' dan, hemm xejn anqas minn ħames kopji li b'xi mod jersqu qrib tagħha f'Malta u erba' oħra f'Għawdex. Imma l-Fundazzjoni Karkariża tibqa' ewlenija, il-prototip u l-aktar waħda singulari kemm għall-iskop intrinsiku fejjiedi li għalih twaqqfet kif ukoll għall-mod ġuridiku sod li fuqu ssawwret.

## L-Għan tal-Kolleġġjata

Ma nixtieqx intenni kif Dun Filippu ħalla ġidu biex tgħix dil-Kolleġġjata u kif rabtu b'forma legali soda biex tibqa' wirt għall-Karkariżi. L-anqas nitkellem dwar kif b'dil-Fundazzjoni, Dun Filippu kien qed jimmira għall-ewwel forma ta' awtonomija magħrufa f'xi qasam jew ieħor tat-tmexxija tal-pajjiż. Tassew, dawn huma kollha punti ferm rilevanti li smajna t-tifsira tagħhom bosta drabi u jkun xieraq li ma ninsewhom qatt.

Biżżejjed niftakru li Urbanu VIII ried li dil-Kolleġġjata tkun awtonoma mid-djoċesi ta' Malta *nullius dioecesis* u direttament suġġetta għas-Sede Apostolika. Kienu fatturi ta' debolezza umana u oħrajn politiċi oriġinati mill-mexxejja ta' dik il-ħabta, li opponew bil-qawwa u xekklu milli jseħħ dak li ried il-Papa!

Iżda llum xtaq nifli magħkom il-punt dwar l-għan fejjiedi li għalih twaqqfet, skop li kien u għadu validissimu sal-lum. Skop essenzjalment pastorali fejn dawk li jiffurmaw il-korp ta' din il-Kolleġġjata, il-kanonċi kapitulari, kellhom u għadhom u jibqgħu impenjati primarjament li jitolbu flimkien, impenjati għas-servizz ta' l-erwieħ, għall-amministrazzjoni tas-Sagramenti Mqaddsa u għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Anzi, il-Papa Urbanu VIII, fil-Bolla tiegħu tal-5 ta' Diċembru 1630, meta stqarr li qed jilqa' t-talba li għamillu Filippu Borg, niżżel b'mod inekwivoku x-xewqa tal-Fundatur innifsu, li permezz tal-ħidma tal-Kolleġġjata *jibdel il-ġid ta' l-art fil-ġid tas-sema.* Fi kliem sempliċi, iwassal lill-kotra għal kisbiet spiritwali bl-użu rett u korrett tal-ġid materjali li l-istess Borg ħalla biex titwaqqaf u tgħix u tibqa' operanti din l-opra tiegħu tul is-sekli.

L-istess statuti li fuqhom kellha

tibqa' titmexxa din l-opra sabiħa u siewja, li wkoll ġew approvati mill-Papa, u jitqiesu dejjem bħala parti integrali mill-Fundazzjoni, jekk ikollna nifluhom bir-reqqa u nifirduhom għal waqt wieħed mill-forza legali u ġuridika, jispeċifikaw karigi jew dinjitajiet mgħobbijin bi dmirijiet marbutin mas-servizz pastorali, bħalma huwa l-Qrar, it-tagħlim tad-duttrina, il-kant liturġiku u t-talb tas-sigħat.

Fiha nnifisha, il-Kolleġġjata kellha torganizza bħala grupp jew korp unit, għadd ta' saċerdoti impenjati fis-servizz reliġjuż, kemm fit-talb u kemm bħala grupp impenjat biex jaqdi lill-insara lokali fl-amministrazzjoni tas-sagramenti. Kellha wkoll tiddotahom bil-mezzi materjali ta' għajxien billi jkollhom dħul biżżejjed ħalli jkunu jistgħu jiddedikaw ħinhom fil-qaddi tad-dmirijiet pastorali bl-aktar mod assidwu u kostanti.

## L-Ideali ta' Żmienna

Huwiex dan il-kunċett, simili, anzi identiku, għall-kunċett ideali ta' żmienna li, bl-evoluzzjoni tal-ħsieb u bl-aġġornament tat-tagħlim tal-knisja, qed nisħqu aktar fuq dak li bl-Ingliż jissejjaħ *teamwork?* U biex insaħħaħ dan l-argument, iltqajt ma' bosta interventi li għamlu diversi isqfijiet matul it-tħejjija tad-dokumenti tal-Konċilju Vatikan it-Tieni. Nikkwota l-ewwel lill-Isqof Ġermaniż Edward Schick, awżiljarju tad-djoċesi ta' Fulda:

*Għandu jkun desiderabbli li r-rwol, ir-responsabbiltà, id-dinjità u l-organizazzjoni tal-kleru jingħataw ferm aktar importanza, għax illum aktar minn qatt qabel, huma proprju huma li qed jamministraw id-dmirijiet tat-tagħlim,. tas-sagramenti, tat-tmexxija tal-komunitajiet insara – kollha dmirijiet li sa ftit ilu kienu prerogattiva ta' l-isqfijiet.*

*Din il-konsiderazzjoni twassalna mill-ewwel għal ħsieb ta' importanza kbira, cioè, il-knisja lokali jew il-parroċċa, kemm mill-aspett amministrattiv kif ukoll dak teoloġiku.*

*Aktar ma jkun hemm sintonija u sinerġiji organizzati u dixxiplinati fost il-gruppi ta' saċerdoti fl-istess knisja lokali, aktar ikun organizzat u effettiv is-servizz li jipprovdu lill-fidili. Żgur li dan kien wieħed mir-raġunijiet li fi bliet ewlenin twaqqfu kapitoli kolleġġjali matul is-snin, entitajiet li llum, fejn għadu possibbli li jsir, qed nirreferu għalihom bħala* ***presbyterium*** *parrokkjali.*

## Il-Viżjoni ta' Dun Filippu

Tliet mija u sebgħin sena ilu, dawn il-ħsibijiet kienu diġà feġġew f'moħħ Dun Filippu.. Mhux ta'

b'xejn li l-Papa Urbanu VIII, fil-Bolla Apostolika ta' l-erezzjoni stqarr li **ma setax ma jilqax it-talbiet li għamillu Filippu.** Mhux ta' b'xejn li għal ħafna drabi l-Papa jikteb fil-Bolla l-frażi: *iuxta mentem dicti Philippi* – skond il-ħsieb ta' l-imsemmi Filippu.

Imma Borgia, ta' għaref li kien, b'esperjenza vasta bħala ragħaj ta' l-erwieħ, amministratur u ġudikant, fehem aktar minn hekk. Fehem li għandu jorbot l-ewwel ħsieb ta' għaqda organizzata fost il-kleru, mas-sehem tal-lajċi. Fehem li kellu jkun hemm formula soda, anzi bażi legali, li tgħaqqad lill-kleru mal-poplu u lill-poplu mal-kleru tiegħu. Saħansitra mil-lenti tad-duttrina Kattolika, dwar is-sehem parteċipattiv tal-lajċi, insibu wkoll intervent awtorevoli bi tħejjija għad-dokument Konċiljari dwar il-missjoni pastorali tal-knisja fi żmienna.

Jgħidilna l-Arċisqof ta' Munster, Mons. Joseph Hoffner:

*Fir-relazzjoni bejn il-fidili u l-ġerarkija lokali jew nazzjonali tal-Knisja, għandna nagħtu importanza sħiħa lill-prinċipju tas-sussidjarjetà, prinċipju li l-enċiklika* Quadragesimo Anno *issejjħalu:* ta' l-akbar importanza. *L-istess bħalma għandu jkun hemm inter-relazzjoni statutorja bejn doveri ta' kappillan u dawk ta' l-isqof ordinarju, hekk ukoll għandu jkun hemm forom statutorji li joħolqu ftehim kostanti bejn il-kappillan u l-kleru madwaru (il-presbyterium) u l-poplu li dak il-kleru jkun iservi.*

*Dan huwa prinċipju qadim li kien evidenti sa mill-Knisja ta' Ġerusalemm, fejn dawk li jamministraw u jaqdu fil-ħidma apostoloka kienu mantnuti mill-insara lajċi, u fis-sekli ta' wara evolva permezz ta' fundazzjonijiet proprji fejn sàerdoti ġew organizzati formalment taħt titlu jew ieħor b'sussistenza mingħand il-poplu jew minn individwi f'isem l-istess poplu.*

Żgur li ma hemmx x'tikkummenta fuq silta bħal din. Imma biex inżid norbot dawn il-ħsibijiet, nikkwota t-teologu Belġjan Francois Houtart, li fi studju li għamel dwar problemi fl-organizazzjoni pastorali fi żmienna, jikteb hekk:

*F'kull livell tal-ġerarkija ekkleżjastika, kemm fil-livell apostoliku kif ukoll fil-livell ta' attività sekulari, hemm l-implikazzjoni intrinsika ta' l-integrazzjoni sħiħa ta' l-intervent kostanti tal-lajċi. Il-lajċi huma l-oġġett tas-servizz pastorali tal-kleru, imma dan ma jeskludix, anzi jesiġi, li huma jkunu involuti bħalma kienu involuti, anki b'mod formali, tul*

*is-sekli fejn kienu jeżistu entitajiet kleriko-lajkali f'zoni pastorali eretti bl-approvazzjoni tal-papiet bħala abbaziji jew kolleġġjati.*

Flimkien ma' dan it-teologu Belġjan, jiżdied il-kumment rilevanti tat-teologu Dumnikan Gunther Dingemans, li waqt li kien qed jipprova jsib definizzjoni aktar preċiża tal-missjoni pastorali tal-Knisja, qal hekk:

*L-intervent tagħhom (tal-lajċi) kien propizju jekk mhux ukoll strumentali biex dawn l-entitajiet baqgħu jiffunzjonaw bis-saħħa ta' l-interess assidwu tal-lajċi, l-aktar fl-amministrazzjoni tal-mezzi ta' għajxien u ta' l-istess servizzi pastorali.*

Dawn is-siltiet minn prelati jew għorrief ta' żmienna jew ta' l-epoka post-konċiljari, deċiżament ineħħu kull dubju li jridu jdaħħlu xi wħud li fundazzjonijiet bħal din tagħna l-Karkariżi, għadda żmienhom! Wieħed jasal biex jifhem li, minn żmien għal żmien, bħalma ġara tul l-evoluzzjoni tas-sekli, ikunu meħtieġa xi aġġustamenti jew riformi b'mod ġenerali, imma l-opra oriġinali m'għandha qatt tintmiss jew titnaqqas b'tali mod lit kun sfigurata daqstant, li mhux biss ma tibqax tingħaraf, imma saħansitra tasal biex tittradixxi l-iskop qaddis u bażiku tal-fundatur jew fundaturi!

**Opra li Trid Tibqa'**

Infatti, kif kiteb il-Professur Karkariż Mons. Carmelo Cassar, fl-aħħar ktieb maħruġ mill-mibki u qatt minsi ex-president tas-Soċjetà, Joe Deacon fl-1990:

*Il-funzjoni u allura l-istess eżistenza tal-kapitli kolleġġjali għadhom rikonoxxuti sal-lum, anki permezz tar-riferenzi ċari fil-Kodiċi tal-Liġi Kanonika li kien ġie aġġornat u ppubblikat fl-1983.*

Għalhekk għandna nħossuna kburin aħna llum:

- Mhux biss għax 375 sena ilu kien ħaseb fina l-kbir benefattur tagħna Dun Filippu Borg,
- Mhux biss għax aħna fin-nisel ta' missirijietna li gawdew minn din l-opra kbira meta kienet fjamanta u aktar ġenwina,
- Imma, u fuq kollox, għax għadna nħossu d-dmir li kull sena, fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, ninġabru biex niftakru u nfakkru fil-patrimonju għażiż li writna u biex nuru l-ħajr tagħna lejn min ħallihulna għax ħabbna,
- Il-Fundatur Borgia, il-Fundatur Dun Perin, tant saċerdoti qalbiena, u eluf u eluf ta' Karkariżi li fis-sekli kkumbattew kull maltemp biex tasal sa għandna din l-opra li qdiet dmirha b'tant frott għal kważi erba' sekli!

**J'Alla aħna wkoll ngħożżuha biex tibqa' taqdi lil uliedna, biex jifhmu x-xewqa għarfa ta' Dun Filippu, imbierka mill-Papiet, li *l-ġid ta' l-art jissarraf fil-ġid tas-sema!***

Riferenzi:

- Yves Congar, Hans Kung, Daniel O'Hanlon: *Council Speeches of Vatican II;* Sheed & Ward, London, 1964.
- Karl Rahner, Edit. Gen. Concilium, Vol 3, *The Pastoral Mission of the Church*, Vol 8, *Pastoral Reform in Church Government,* Paulist Press NY, 1965;
- Joseph A. Deacon, *360 Sena Kolleġġjata, Birkirkara,* Dormax Press, 1990

Dan id-diskors li kien sar f'Jum il-Fundazzjoni 2003

# IL-KAPITLU ELENJAN FIL-FESTA TA' SAN ĠORĠ F'GĦAWDEX



Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Elenjana dis-sena kien mistieden biex jieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ Martri li ssir fil-Bażilika Kolleġġjata tal-Belt Victoria f'Għawdex. Il-kanonċi tagħna ħadu sehem fis-Sekondi Vespri li kienu ppresseduti mir-Revmu. Prepostu u wara akkumpanjaw fil-Purċissjoni. Din is-sena ħadu sehem ukoll fil-festi speċjali li saru f'Bormla u f'Ħal Balzan.